Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 25/11

**Monica Magro u Carmen Houlton detenturi rispettivament tal-karti ta' l-identita' numri 193553M u 812950M kif ukoll Tania Wismayer ID 633150M, Julie Ann Friggieri ID 534277M u John Joseph Bezzina ID 392581M werrieta tal-mejjet John Paul Bezzina** **(appellati)**

**vs**

**Joseph, Carmelo u Mario ahwa Dingli detenturi rispettivament tal-karti ta' l-identita' numri 899646M, 609549M, 347752M ghan-nom tad- ditta Firm Reno Dingli** **(appellanti)**

Il-Ġimgħa, 7 t'Ottubru 2016

Permezz ta' rikors fil-Bord li Jirregola l-Kera, ir-rikorrenti talbu l-iżgumbrament tal-intimati minn ġewwa l-fond 68/70, John Borg Street Birkirkara, lilhom mikri, fuq il-premessi li m'humiex qed jaghmlu uzu mill-istess fond ghall-iskop li ghalih kien mikri, u li l-fond jinsab fi stat ta' abbandun.

Fir-risposta l-intimati opponew din it-talba billi sostnew li mhux veru abbandunaw il-fond u li għadhom jużawħ regolarment bħala maħżen.

B'sentenza tat-2 t'Ottubru 2014 il-Bord laqa' t-talba.

L-intimati appellaw mis-sentenza. L-aggravju huwa li:

(i) il-Bord wasal għall-konklużjonijiet tiegħu biss fuq ix-xhieda parzjali tar-rikorrenti bla ma ta mportanza lil dak oġġettivament ikkonstatat mill-periti tekniċi minnu stess appuntati. Anke l-periti ddeċidew ħażin meta sabu li *"jistgħu jittieħdu bħala li ma kienx qed isir ebda użu ta' magazzinaġġ fil-fond"*, għax mhux konformi mal-każistika applikabbli. Huwa ħażin li l-Bord straħ fuq notamenti meħuda minn iben ir-rikorrenti tal-ġranet u ħinijiet li fih il-maħżen kien magħluq. Dan anke jekk l-istess xhud xehed li xi drabi ra l-maħżen miftuh waqt li kien qed isir xi xogħol ta' manutenzjoni fih. Saħansitra inġieb bieb ġdid biex jitwaħħal. Il-fond kien vojt għax kien qed jitbajjad. Ċertament dan l-investiment mill-intimati mhux indizju ta' abbandun.

(ii) il-Bord jitlaq mill-premessa tajba li l-użu ta' maħżen m'huwiex dak regolari iżda mbagħad jinjoraha għal kollox

(iii) il-Bord ma qiesx li l-piż tal-prova hu fuq ir-rikorrenti, li hija ħafna ogħla minn dik fil-każ ta' ħanut. Mhux sewwa li l-Bord irrefera għall-eta` tal-irtirar ta' uhud mill-intimati meta l-maħżen qed iservi fil-proċess ta' likwidazzjoni tan-negozju li kellhom.

(iv) fid-daħla tal-post il-Bord innota żewġ karozzi waħda ma tintużax; għamara antika; u xi kaxxi stivati. Għalhekk ma jistax jingħad li ma kienx qiegħed isir magazzinaġġ fil-post. Il-kwantita` t'għamara antika tindika li qed isir negozju. Il-fond xorta jintuża għan-negozju anke jekk dan illum huwa wieħed ristrett. Mhux sew li r-rikorrenti jitħallew japprofittaw ruħhom minn din iċ-ċirkostanza u jallegaw li l-maħżen m'għadux jintuża.

Fir-risposta tal-appell tagħhom, ir-rikorrrenti wieġbu li:

(i) il-Bord sab li r-rikorrenti ppruvaw "fi grad lil hinn minn kull dubbju" li l-fond ma kienx qed jintuża' għal skop ta' magazzinaġġ.

(ii) l-ilmenti mqanqla fl-aggravju m'humiex dwar punti legali, imma huma dwar apprezzament ta' fatt li din il-Qorti ma tiddisturbax

(iii) mhux sew jiġi allegat li l-konklużjonijiet tal-periti kienu simplistiċi meta dawn la ġew eskussi u lanqas sar attentat biex jiġu nfiċjati l-konklużjonijiet tagħhom

(iv) ir-rikorrenti ppreżentaw prova skjaċċanti tal-abbandun tal-maħżen inkluż Anthony Magro li żamm djarju u anke ħa ritratti li juru l-karozza b'lega ta' trab fuqhom li ċertament ma tindikax li qed isir użu mill-maħżen

(v) ma saru l-ebda kontro-eżamijiet tar-rikorrenti u lanqas ittellgħet xhieda biex tikkuntrasta dik tar-rikorrenti. Il-magazinaġġ tal-għamara antika kien biss *eyewash.*

## **Konsiderazzjoni.**

L-aggravju jikkonsisti fi kritika tal-apprezzament tal-provi li sar mill-Bord. L-appellanti jilmentaw li l-Bord qagħad fuq ix-xhieda parzjali tar-rikorrenti u ħbieb tagħhom u njora dik oġġettiva tal-membri tekniċi tiegħu li iżda jkompli jgħid li hi kompletament żbaljata. Jibda biex jingħad li kif osservaw l-appellati, ma sar l-ebda kontro-eżami tax-xhieda tar-rikorrenti. F'dak li qalu ma ġewx kontradetti;

*"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness' evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. In Bircham, for example, counsel for the accused was not permitted to suggest to the jury that the co-accused and a witness for the prosecution were the perpetrators of the offence charged, where that allegation had not been put to either in cross-examination. Accordingly, it is counsel's duty, in every case (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the*

*witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case and (c ) to put to the witness counsel's own case, in so far as witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case"* – **Murphy On Evidence – Oxford University Press, 8th Edition, 2003 page 597.**

Raġunament applikat ukoll b'mod ġenerali mill-Qrati tagħna:

*"Kwantu ghal lanjanza tal-appellanti illi t-Tribunal accetta t-talba attrici ghal ħlas tal-vacation leave, tal-bonus u tal-bolla ma jidherx mill-atti li din hi gustifikata. L-attrici spjegat fl-Affidavit taghha a fol. 27 kif waslet ghal dik id-deduzzjoni taghha dwar l-intitolar reklamat. Din il-prova baqghet ma gietx kontraddetta la minn xi kontro-ezami tal-attrici u lanqas mill-provi forniti mill-appellanti, li, fil-verita, illimitaw ruhhom biex jikkontrastaw it-talba tal-appellata riferibilment ghall-pretensjoni taghha ghal kumpens tas-sahra. Anke allura dan l-ilment mhux gustifikat."*[1]

*"Fil-ħsieb tal-Qorti, kif jidher traċċjat ukoll mill-korp tas-sentenza appellata, il-prova hekk magħmula mill-appellant in diżimpenn tal-oneru nkombenti fuqu, ma jidhirx li ġiet adegwatament paralizzata mill-provi tal-atturi appellanti. Huma naqsu milli, bl-għodod proċedurali konsentiti lilhom, jikkontro-eżaminaw lix-xhieda prodotti mill-appellanti, forsi wkoll, għaliex dehrilhom illi bis-sempliċi dikjarazzjonijiet tagħhom u l-prova tar-Reġistru Elettorali kien biżżejjed biex jinnewtralizzaw l-allegazzjoni tal-appellanti."*[2]

Għal dak li jirrigwarda l-provi, il-qorti taghmel riferenza għal:

i. Affidavit ta' Anthony Magro li żamm record dettaljat tad-drabi li għadda minn quddiem il-post, f'hinijiet differenti, matul il-perjodu 3 ta' Frar 2010 u 23 ta' Marzu 2012. Hu fatt li maħżen ma jkunx miftuħ il-ħin kollu iżda meta n-negozjant ikollu bżonn ipoġġi jew jiġbor merkanzija. Pero' jekk il-maħżen kien verament qiegħed jintuża, il-qorti kienet tistenna li xi drabi x-xhud jinzertah miftuħ. Ix-xhud qal ukoll li fit-2 ta' Diċembru, 2010 kien daħal fil-fond[3] u *"21….. ndunajt li l-post kien totalment abbandunat u mhux qed jintuża. 22. Xammejt riħa ta' għeluq u ta' umdita' u ta' trab ma' kullimkien….."* Mis-sentenza hu wkoll evidenti li kuntrarjament għal dak li jsostnu l-intimati, il-Bord ma bbażax id-deċiżjoni fuq ir-record li żamm ix-xhud (ara Dok. AM1, fol. 92). Inoltre, l-fatt li Anthony Magro hu iben waħda mir-rikorrenti, ma jfissirx li l-verżjoni li ta kellha tiġi skartata. Din hi prova bħal oħrajn. L-intimati, kieku riedu, kellhom kull opportunita' li jagħmlulu kontro-eżami li hu għodda li biha parti tiskredita xhud u b'hekk tikkonvinċi lill-ġudikant li x-xhud m'għandux jitwemmen. Għodda li l-appellanti ma wtilizzawx. L-

---

[1] **Grech Mirabelle vs Lapira Alex**, 17 ta' Ottubru 2008**,** Qorti tal-Appell (Imħallef P. Sciberras).
[2] **Galea David vs Bonnici Stephen**, 09 ta' Novembru, 2005, Qorti tal-Appell (Imħallef P. Sciberras).
[3] Sa dak iż-żmien is-sidien kienu għadhom ma ppreżentawx il-kawża.

appellanti argumentaw li l-posizzjoni li ħa l-Bord tagħti lok għal preċedent perikoluż peress li ma ssostanzjatx l-allegazzjoni bi provi preċiżi u li jikkoraboraw il-verżjoni tagħha. Pero' ma qalux suppost huma l-provi l-oħra. Dak li xehed Anthony Magro hu fatt, li jirriżulta wkoll mil-logbooks li żamm u fejn hemm reġistrat id-dati u l-ħinijiet meta għadda minn quddiem il-fond u sabu magħluq.

ii. Affidavit ta' Jesmond Attard li jgħix f'dar viċin il-maħżen oġġett tal-kawża. Ix-xhud qal li xi ħmistax-il sena qabel il-maħżen kien jintuża regolarment biex fih titpoġġa merkanzija tal-ikel; *"Niftakar li ħmistax-il sena ilu kien jiġi container minn żmien għal żmien, pero' jiena nikkonferma li minn għaxar snin 'l hawn jiena ma rajtx containers jew trukkijiet jidħlu jew joħorġu minn ġo dan il-maħżen. 4. Illi f'dawn l-aħħar għaxar snin ma rajtx attivita' u ma ratx dan il-bieb miftuħ u jekk rajtu miftuħ dawn l-għaxar snin, xi tlett darbiet."*[4]

iii. Mir-rapport tal-membri teknici jirriżulta li:

- Hemm nuqqas ta' manutenzjoni[5];
- Kull ma nstab huma kaxxi qodma li jidhru fir-ritratti numru 26 u 27 mehmuża mar-rapport, u xi xkejjer b'materjal fihom kif jirriżulta mir-ritratt numru 8 mehmuż mar-rapport;
- Hemm żewġ vetturi antiki li jidher li ma jintużawx;

Provi li juru li fil-fatt il-fond ma jintużax bħala maħżen. Għalkemm meta sar aċċess mill-membri tekniċi fil-fond kien hemm ukoll għamara antika, hu evidenti li din tpoġġiet fil-fond wara li s-sidien ppreżenaw il-kawża (25 ta' Frar 2011). Rilevanti wkoll hu li:

i. L-intimati ma ppreżentawx provi dokumentarji li juru li d-ditta Reno Dingli & Co[6] tinnegozja. Għalkemm fis-seduta tat-23 ta' April 2012 Mario Dingli xehed li *"... f'dawn l-ahhar tlett snin.... Xtrajna mil-lokal li nerġgħu inbiegħu lill-konsumatur"*, ma ppreżentax provi dokumentarji. Lanqas ma ressaq bħala xhieda n-nies li mingħandhom suppost xtraw merkanzija u wisq inqas nies li suppost xtraw merkanzija mingħand id-ditta. L-istess xhud qal: *"Mitlub ngħid jekk ghandix fatturi ta' merkanzija li xtrajt mil-lokal, ngħid li iva iżda dawn ma nixtieqx nesebihom għar-raġunijiet ta' competition."* Atteġġament li jikkonferma kemm fil-fatt ix-xhud kien evażiv[7]. Ir-raġuni li ta x-xhud għalfejn ma jridx jippreżenta dokumenti ma titwemminx u f'kull każ ma kellu l-ebda jedd

---

[4] Fol. 29.
[5] *"8. Jidher għalhekk illi minbarra t-tibjida li kien evidenti illi ngħatat riċentement, internament hemm nuqqas ta' manutenzjoni fil-fond."* (fol. 47).
[6] *Partnership en nom collectif* reġistrata fl-14 ta' Jannar 1998 (numru P539).
[7] Dan minkejja li l-Bord wissieh li ma kellux jedd joġġezzjona.

jirrifjuta. Ladarba għażel it-triq tal-ostilita', irid ibati l-konsegwenza li ma jitwemminx.

ii. Ma tressqet l-ebda prova li l-intimati personalment huma fil-kummerċ. Anzi rriżulta li tnejn minnhom huma pensjonanti. Għalkemm hemm prova li Mario Dingli kien xtara mobbli f'irkant b'valur ta' €54,492.96, dan kien f'Gunju 2011. Ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża fil-25 ta' Frar 2011. Sabiex jigi mistħarreġ jekk il-fond kienx qiegħed jintuża bħala maħżen, il-fatti determinati jridu jkunu jirrelataw għal dak li kien qiegħed jiġri qabel il-kawża u mhux fil-mori tal-kawża wara li l-inkwilini kienu notifikati bl-atti. Hu minnu li l-persuna li jidher li ħadet ħsieb il-ġarr ta' dik l-għamara qalet li fil-fond kien hemm diġa xi għamara[8], pero' qal ukoll li fil-fond ma kienx hemm "*ammont kbir*"[9] ta' għamara. Lanqas ma tressqet xi prova li Mario Dingli jinnegożja fl-għamara. Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012 xehed: "*Jiena ma gibtx miegħi illum kopja tar-riċevuti fiskali mill-2008 sal-2012 għaliex jiena, fi kliemi, għadni qed nibbildja, għadni ma bdejt inbiegħ f'dan il-mestjier…*"[10] Il-qorti ma temminx li persuna tkun qegħda tagħmel investiment għal skop ta' negożju, f'dawk is-snin kollha ma tbiegħ xejn. Saħansitra mistoqsi min kienet il-persuna li qegħda tagħmel ix-xogħol ta' restawr[11], wieġeb li ma jiftakarx. F'dan ix-xenarju il-Bord kellu dritt ma jemminx lil dan ix-xhud.

iii. Mario Dingli xehed: "*Servizz ta' dawl u ilma illum m'hemmx għaliex snin ilu konna ssospendejna dan is-servizz. M'hemmx ħtieġa ta' dawl u ilma f'dan il-fond.* ***Immorru filgħodu nistivaw xogħol ta' ikel f'dan il-fond.***"[12] Fl-aċċess li sar mill-membri tekniċi tal-Bord ma rriżultax li fil-fond kien hemm merkanzija li tikkonsisti f'oġġetti tal-ikel. L-inqas ħaġa li setgħu għamlu l-intimati sabiex jikkonvinċu lill-Bord, kien li jippreżentaw provi dokumentarji ta' xiri u bejgħ ta' merkanzija. Pero ma ppreżentawx dokument wieħed li jikkorabora dak li xehed Mario Dingli.

iv. Il-mod kif wieġeb Mario Dingli għal certu domandi, juru stat ta' nċertezza. Hekk per eżempju qal li ma jiftakarx meta l-aħħar tpoġġiet merkanzija tal-ikel fil-maħżen in kwistjoni. Din it-tip ta' tweġiba hi fiha nnifisha ndiżju kemm ix-xhud ma qalx is-sewwa meta ddikjara jmorru fil-maħżen kuljum jistivaw l-ikel.

v. Lanqas mhu ġustifikat l-ilment li ma tteħidx in konsiderazzjoni x-xogħol ta' manutenzjoni li sar mill-intimati. Fi kliem il-Bord, "*kien*

[8] Fol. 125.
[9] Fol. 126.
[10] Fol. 127.
[11] Mario Dingli xehed: "*… dan huwa xogħol fejn jeħtieġ li jsir ir-restawr fuq l-għamara.*" (fol. 127).
[12] Fol. 63.

*biss wara interpellanzi taghhom li l-intimati bdew jaghmlu xi xoghol ta' manutenzjoni biex jissimulaw uzu tal-fond."* Hekk juru l-provi[13].

vi. Għalkemm l-appellanti semmew li Anthony Magro stess xehed li kien hemm okkazzjoni meta daħal fil-fond u sab raġel qiegħed jagħmel xogħol ta' tibjid, pero dan kien f'Diċembru 2010. Dak iż-żmien kien hemm diga' il-kwistjoni bejn il-partijiet.

vii. Fl-affidavit, Mario Dingli qal: *"Ngħid illi b'żieda ma' dak li jingħad hawn fuq, hemm ukoll vetturi appartenenti lill-Firm Reno Dingli, liema vetturi huma jew kienu meħtieġa għat-trasport tal-istess Firm. Ngħid illi minn żmien għal żmien ikun hemm madwar tlett vetturi maħżunin fl-istess fond. Minħabba diżgwid bejnietna l-aħwa, illum il-ġurnata dawn il-vetturi jinsabu garaxxjati pero' ngħid li meta rrid nista' mmur inħallas il-liċenżja u noħroghom għax-xoghol."*[14] Fir-ritratti eżibiti l-vetturi li jidhru huma vetturi mitluqin li ma jintużawx għan-negożju.

viii. Il-fatt li fil-fond instabu xi kaxxi m'hijiex prova suffiċjenti li l-fond qiegħed jintuża bħala maħżen. Mir-ritratti stess hu evidenti kif in-numru ta' kaxxi hu ftit u li dak li hemm fihom hu antik (ara ritratti numru 26 u 27). L-intimati kellhom kull opportunita', li kieku riedu, li juru li fil-kaxxi hemm oġġetti ta' valur u li kienu jinnegozjaw fihom. Pero' lanqas din il-prova m'għamlu. Mario Dingli pprova jpinġi xenarju li l-fond għadu jintuża biex fih titpoġġa merkanzija li jixtru u biex ineħħu merkanzija li jbiegħu[15]. Pero' mill-provi l-indiżji huma li ilu snin twal li ma komplitx issir din l-attivita.

Ma jirriżultax dak sottomess fl-aggravju tal-appellanti li l-maħżen, għalkemm ma jinfetaħx kuljum jew ta' spiss, kien xorta waħda jintuża' regolarment. Il-provi juru li l-fond safa abbandunat meta n-negozju li kellhom l-aħwa spiċċa fix-xejn. L-indiżji kollha jippuntaw lejn ditta li m'għadhiex tinnegozja. M'hemmx dubju li l-Bord kien korrett fl-apprezzament tal-provi. Bl-affarijiet li nstabu fil-fond u dak li ngħad hawn fuq, il-Bord kellu kull dritt jikkonkludi li ma kienx hemm attivita' kummercjali fil-fond oġġett tal-kawża. M'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm raġunijiet li jiġġustifikaw li din il-qorti ta' reviżjoni ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Bord.

**Għaldaqstant l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza tal-Bord ikkonfermata. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellanti, li qegħdin jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjez tal-appellati għal darbtejn peress li tqies li l-appell hu fieragħ (Artikolu 223(4) tal-**

---

[13] Ara per eżempju fol. 5 tar-rapport tal-membri tekniċi tal-Bord.

[14] Fol. 199 tal-atti tal-kawża 61/2010, fejn hemm l-affidavit ta' Mario Dingli dwar il-fond oġġett tal-kawża li dwarha jitratta l-appell in eżami.

[15] *"…. dan il-fond m'huwiex residenza u effettivament jiena u ħuti ma nkunux hemmhekk kuljum imma certament illi nattendu kull meta jkun meħtieġ sabiex nelevaw jew indaħħlu merkanzija oħra jew skond il-bżonnijiet tal-fond jew tan-negożju kif semmejt."*

**Kap. 12). It-terminu li l-Bord iffissa ghall-iżgumbrament, jiddekorri mil-lum.**

Anthony Ellul